

# Il-Vara Titulari ta' San Pietru

mill-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa

Matul il-parrokkat tal-Kappillan Dun Ġużepp Minuti (1954-1978) fil-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa saru għadd kbir ta' opri artistiċi li għadhom sal-lum iżejnu dan il-maqdes. Fost l-aktar opri artistiċi importanti li saru tul dan il-perjodu nsibu l-vara titulari ta' San Pietru. Din il-vara ħadet post oħra li kienet saret fl-1947 u li għadna nistgħu narawha fil-kor tal-istess Knisja Parrokkjali.




Id-disinn tal-istatwa

Id-disinn tal-vara sar mill-Kavallier Vincenzo Bonello u dan ġie meħud mill-istatwa ta' San Pietru li tifforma parti mis-sett tal-appostli li nsibu fil-Bażilika ta' *San Giovanni in Laternano* f'Ruma. Id-disinn ferm sabiħ tal-pedestall sar minn Emilio Giusti minn Bormla. Il-vara nħadmet mill-iskultur Ferdinand Stuflesser fil-bottega tiegħu li tinsab fil-belt ta' Ortisei fin-naħa ta' fuq tal-Italja. Ġiet ordnata f'Mejju tal-1958 u x-xogħol kollu fuqha ġie fi tmiemu f'Ġunju tas-sena ta' wara. Il-kappillan Minuti kien stinka ħafna sabiex jara din il-ħolma li kellhom il-parruċċani titwettaq tant li kien mar għand l-iskultur sabiex jara l-vara tinħadem fejn anke għen bis-suġġerimenti artistiċi tiegħu. Is-sens artistiku kbir li kellu dan il-kappillan ħabrieki kompla għen sabiex din il-vara tkun waħda mill-isbaħ xogħolijiet li ħarġu minn taħt idejn dan l-artist ta' fama mondjali.

Il-vara u l-pedestall waslu Malta fuq vapur bl-isem 'S.S. Lido' wara li kienu nqabdu fi strajk f'port Taljan. Nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju 1959, diversi rġiel midħla tal-Knisja flimkien mal-kappillan Minuti marru x-Xatt tal-Marsa minn fejn għabbew żewġ kaxxi li fihom kien hem mil-vara u l-pedestall fuq trakk u ħaduhom fil-Kappella tas-'Sagra Familja' li tisnab fi Triq iż-lurrieq. In-nies malajr inġabru sabiex jaraw il-kaxxi jinfetħu, u hekk kif beda jitneħħa t-tiben li kien idawwar il-vara beda ħiereġ il-ġmiel tal-vara li issa kienet kollha kemm hi tal-poplu ta'



Il-pedestall tal-istatwa



L-ewwel Purċissjoni



L-istatwa

Birżebbuġa. Tul it-tlett ijiem li l-vara għamlet fil-kappella ġiet armata fuq il-bradella u nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, hekk kif fil-knisja spiċċat il-funzjoni tat-Tielet Tridu, il-vara nġarret fuq l-ispallejn lejn il-Knisja Parrokkjali fejn tul it-triq kollha kienet akkumpanjata minn għad kbir ta' parruċċani f'atmosfera ferriħija tad-daqq tal-marċi mill-Banda San Pietru. Hekk kif il-vara ddaħħlet fil-knisja, il-kappillan Minuti bierek l-istess vara, faħħar xogħol l-iskultur u wara rringrazzja lil kull min għen sabiex dan il-proġett seta' jitwettaq.

Imbagħad il-ġurnata tant mistennija waslet nhar il-Ħadd 2 ta' Awwissu fejn kif il-ħin immarka s-sebgħa ta' fil-għaxija, il-vara titulari tfaċċat għall-ewwel darba fil-bieb tal-knisja. Hekk kif il-poplu, li dakinhar ħonoq kull rokna taz-zuntier, ra dan il-ġojjell quddiemu nfexx f'ċapċip kbir. Dakinhar il-Vara Titulari ġiet milqugħa mill-Banda San Pietru.

Is-snin għaddew u tul dawn il-ħamsin sena din il-vara rat tibdiliet kbar f'diversi interventi artistiċi li saru. L-iktar intervent li xieraq li nsemmu hu r-restawr u l-induratura bid-deheb tal-vara li sar fl-1974. Ma' din il-vara rabtu isimhom artisti oħra kbar fosthom; il-Kavallier Vincenzo Apap, Pawlu Xuereb. Il-vara titulari ta' San Pietru meqjusa fost l-isbaħ li nsibu f'pajjiżna hi tifkira ħajja tal-Kappillan Dun Ġużepp Minuti u tal-parruċċani tiegħu, tifkira artistika espressa fl-injam mill-iskultur Ferdinand Stuflesser.

B.S.G. Rent a car
**Minibus Service: 7945 9187**
Furnished Flats for long or short lets
Prop: Joe Spiteri: 7944 1116

Garage: Brisugo
Triq il-Witja
Tarxien

**Tel/Fax: 2169 3275**
**email: bsgrentals@onvol.net**
**www.bsgrentals.4t.com**

**Sunray Butcher**
*Tony Cassar*

**Best Quality Meats**


Shop:
**St. Philip Street, B'Buġa**
**Tel: 21651227**

**Prime Butcher**
*Prop: A. Caruana*
**Free Delivery of Frozen or Fresh Meat and Frozen Products**
**69, Our Lady of Sorrows Street, B'Buġa • Tel: 21652560**